MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MONTEBELLO DENNIS B.A., LL.D.

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 408/2002

**Rikors numru 408/02DM**

**Borg Cold Stores Limited**

**Vs**

**A & A Zahra Zarb Limited**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-kumpanija konvenuta ghal hlas tas-somma ta' elfejn seba' mija erbgha u hamsin Lira Maltin u sittax il-centezmi (Lm2,754.16), ammmont rapprezentanti ghal servizzi ta' cold storage lilhom rezi fuq ordni taghhom stess liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 5 ta' April 2002 u tal-Mandati Kawtelatorji Nru 1403/02 li gew

ipprezentati kontestwalment ma l-avviz u bl-imghax legali kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma dehru fis-seduta tal-lum biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' elfejn seba' mija u erba' u hamsin Lira Maltin u sittax il-centezmi (Lm2,754.16), ammont rapprezentanti servizzi ta' cold storage lilhom rezi fuq ordni taghhom stess bl-imghaxijiet legali b'effett mis-17 ta' Gunju 2002;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Magt Dr D. Montebello BA LLD

Sandra Farrugia
Dep Reg
Civ A

.